EUROPEAN PARLIAMENT

MEMBER OF THE EUROPEAN PARLIAMENT

22 ta' Marzu, 2007

# Għawdex b'vuċi fil-Parlament Ewropew

Id-deputat Nazzjonalista fil-Parlament Ewropew Simon Busuttil sejjaħ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tkopri l-interessi u l-ħtiġijiet tal-gzejjer żgħar, bħal Għawdex, tul il-firxa sħiħa tal-ħidma tagħha f'setturi differenti.

Dr Busuttil kien qed jintervjeni f'dibattu li sar fil-Parlament Ewropew dwar rapport fuq il-ħtiġijiet tal-gzejjer.

Ir-rapport, li tħejja mid-deputat tal-Partit Popolari Francesco Musotto, iħares lejn il-qagħda tal-gzejjer li jbagħtu minn żvantaġġi permanenti minħabba r-realtajiet ġeografiċi tagħhom. Ir-rapport ġie approvat b'maġġoranza kbira fil-Parlament Ewropew waqt is-sessjoni plenarja tal-Parlament ta' dan ix-xahar fi Strasburgu.

Fl-intervent tiegħu Dr Busuttil sejjaħ dan ir-rapport bħala wieħed importanti ferm għaliex jagħti vuċi lill-gzejjer fl-Unjoni Ewropea.

Huwa saħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tara li l-ħtiġijiet tal-gzejjer ikunu mħarsa f'kull inizjattiva Ewropea li tittieħed u mhux f'qasam wieħed biss. Mhux fil-politika reġjonali biss ta' l-UE iżda f'kull qasam. Huwa semma, bħala eżempju, r-regoli ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna statali u qal li dawn għandhom jinbidlu biex ikunu aktar flessibbli meta applikati fi gzejjer żgħar bħal Għawdex.

Ir-rapport finali, kif adottat, jinkludi xejn anqas minn ħdax–il emenda li tressqu mid-deputat Simon Busuttil, fosthom sejħa biex il-Kummissjoni Ewropea tibda tħejji, fuq bażi regolari, rapport dwar il-ħtiġijiet tal-gzejjer u tipproponi miżuri sabiex dawn il-ħtiġijiet jiġu indirizzati. Busuttil qal li fiż-żmien li ġej huwa se jara li l-Kummissjoni twieġeb għas-sejħa biex dan ir-rapport jibda jitħejja regolarment.

Fi kliem Simon Busuttil, "*dan ir-rapport huwa aħbar tajba għal Għawdex għaliex juri li Għawdex ukoll għandu vuċi fl-Unjoni Ewropea.*"

............................................................

**Office of Simon Busuttil MEP**

Kevin Mizzi in Valletta: (356) 21228585